



# Il-Musbieħ tal-Mużew

***Kitba tal-Perit Ruben Abela***

Lejn tmiem is-seklu 19 u l-bidu tas-seklu 20, fit-toroq taż-Żejtun kien qiegħed isir xogħol infrastrutturali li qatt ma kien għadu sar bħalu. Kien matul dawn is-snin li bdiet tinbena infrastruttura tad-dranaġġ permezz ta' sistema ta' katusi u mini, u b'hekk bdew jiġu eliminati ftit ftit il-fosos minn wara l-bibien tad-djar u d-dranaġġ beda jinġabar f'sistema komuni u aktar iġenika. (Ritratt 1-Pjanta taż-Żejtun tal-1897 fejn jidhru l-linji tal-mini u l-meded bil-katusi tad-dranaġġ). Din kienet sistema sanitarja li bdiet tiddaħħal wara li l-marda tal-kolera faqqgħet erba' darbiet fl-1837, fl-1856, fl-1865 u fl-1887, matul is-seklu 19.

Sabiex setgħet issir din is-sistema tad-dranaġġ, il-katusi u l-mini ried ikollhom qlib minn tarf għall-ieħor għaliex l-ilma maħmuġ li jgħaddi minn ġo fihom ried jiġi trasportat minn naħa għall-oħra permezz tal-gravita'. B'hekk f'diversi toroq fl-inħawi residenzjali taż-Żejtun bdew jitħaffru kanali fondi u fihom jitqegħdu l-katusi. Dak iż-żmien irridu niftakkru li la kien hawn kumpressuri u wisq anqas l-inġenji kbar li mdorrijin bihom illum, għalhekk ix-xogħol kien isir kollu bl-idejn mill-baqquniera. It-terrapin minn ġol-kanali kien ukoll jittella' kollu bl-idejn ġo qfief kbar tal-qasab. Kien waqt dan it-tħaffir li l-baqquniera ta' sikwiet kienu jiltaqgħu ma' fissuri jew xi għerien żgħar fil-blat. Iżda l-iktar li kien iqum interess, kien meta jiltaqgħu ma' xi fdalijiet arkeoloġiċi. Irridu ngħidu li minkejja li sa minn mijiet ta' snin qabel kien hawn diversi siti arkeoloġiċi mikxufa f'Malta, l-istudju u l-immaniġjar tal-arkeoloġija ra l-bidu tiegħu lejn tmiem is-seklu 19 u l-bidu tas-seklu 20 permezz tal-pijunieri f'dan il-qasam Antonio Annetto Caruana (1830-1905) u Temi Zammit (1864-1935). Kien għalhekk li meta kienet issir xi sejba, ix-xogħol kien jitwaqqaf sabiex mhux biss jinġabru l-oġġetti li kienu jinstabu iżda wkoll kienu jsiru pjanti ta' dawn is-sejbiet li bosta minnhom kienu jkunu oqbra taħt l-art li jmorru lura għal żmien Puniku, Ruman jew il-bidu tal-Kristjaniżmu.

*Dak iż-żmien irridu niftakkru li la kien hawn kumpressuri u wisq anqas l-inġenji kbar li mdorrijin bihom illum*

Huwa ddokumentat li waqt dawn ix-xogħlijiet fiż-Żejtun instabu numru ta' oqbra f'diversi toroq, fothom fi Triq Santa Katarina, Triq San Klement, Triq San Ġużepp, Triq San Piju X, Triq San Porfirju u Triq Luqa Briffa li dak iż-żmien kienet magħrufa bħala




Disinn dettaljat tal-musbieh (5)



Dun Karm Psaila - Poeta Nazzjonali (6)

Pjanta taż-Żejtun tal-1897 (1)





20

The plain lamps in Museum (Case Q) show little variety of pattern. I consider them to be Xtn. lamps for the following reasons -

1) I have a lamp of the same pattern taken from a probably Xtn. tomb at tal Bur.

2) These lamps seem to be of local manufacture & they closely imitate the pattern of a Roman lamp of redware found in the Klighta tomb with the Trajan coin (98-117 AD) without, however, the handle, which is broken & which was probably perforated.

3) most of these plain lamps show vestiges of white mortar - many of them abundant vestiges - which means that they were fixed in the fresh mortar applied to the cover of the grave - a well authenticated Xtn. practice in Early Xtn. burials in the Roman Catacombs. (see Scaglia "Notiones" Tab. 169. p. 390. Pars Prior)

4) many of them show signs of burning at the nozzle.

A tomb discovered at Zeitun (Str. Giardino Botanico) in May 1912 contained a lamp with the fish symbol on the central disc. another fragt. with a circle of hearts, another quite whole & in good state of preservation decorated with a series of hearts, squares & concentric circles round a rosace in the centre. Fish symbol unequivocally early Xtn. - un des plus anciens emblèmes de l'Eglise (Delattre "Lampes Chrétiennes" p. 1)

lamp with running lion - one of the Xtn. emblems - Its pattern exactly identical with the famous "Martyrdom" lamp of Carthaginian origin said to be of the II century ("Notiones" tab. 15 p. 140) "Appartiene alla metà circa del secondo secolo" (Bull. Serie 3a Anno 4o Nov. 1877 p. 21.) For mark underneath it see further on.

Bull. d. arch. Crist. 1868 -
1867 -
1870
1874

on side of loculus - see Roma Sott. Tav. XV Tom 3.

Dokumnetazzjoni dwar il-musbieh mizmum fl-arkivji tal-Muzew Nazzjonali tal-Arkeologija (4)



Il-Mużbieħ li nstab fiż-Żejtun f'Mejju tal-1912 (3)



Triq Luqa Briffa fiż-Żejtun (2)

Strada Giardino Botanico. Filfatt kien hemm konċentrazzjoni ta' dawn l-oqbra fl-inħawi ta' wara l-knisja u saħansitra komplew jinstabu oħrajn ukoll waqt li kienet qed tinbena l-iskola sekondarja fis-snin sittin, meta wkoll kienet instabet il-villa Rumana. Fl-2013, grazzi għall-għaqda Wirt iż-Żejtun, kellna x-xorti naraw esebiti diversi oġġetti tal-fuħħar li kienu nstabu f'dawn l-oqbra waqt wirja li kienet saret fil-fergħa tal-bank HSBC.

F'Mejju tal-1912 fi Strada Giardino Botanico (Triq Luqa Briffa bejn Triq Santa Monika u Triq Xejba: Ritratt 2) instab qabar li fost oġġetti oħra, fih kien hemm musbieħ partikolari. Dan il-musbieħ kellu disinn ta' ħuta imbuzzat fiċ-ċentru tiegħu u ringiela ta' ħut iżgħar madwar it-tarf tiegħu (Ritratt 3). Jidher ukoll li l-musbieħ kien użat għaliex iż-żennuna tiegħu kienet imġemmda. Din is-sejba hija ddokumentata b'mod dettaljat f'manuskrit dwar numru ta' siti arkeoloġiċi li hawn f'Malta, miżmum fl-arkivji tal-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija (Ritratt 4). Dan il-manuskrit huwa miktub minn B.F.Bellanti u fih ukoll disinn dettaljat ta' dan il-musbieħ (Ritratt 5). Bellanti jagħmel referenza għall-fatt li l-figura tal-ħuta huwa simbolu li kien jintuża mill-ewwel Insara fir-4 Seklu Wara Kristu. B'hekk jidher ċar li f'dan il-qabar kien hemm midfuna wħud mill-ewwel Insara li għexu fl-inħawi taż-Żejtun.

**L-istorja ta' dan il-musbieħ tal-fuħħar ma waqfitx hawn!**

Uħud mill-oġġetti arkaeoloġiċi li jinstabu, jiġu esebiti fil-mużewijiet. Dawn l-oġġetti huma parti mill-wirt nazzjonali u għalhekk jinżammu bħala parti mill-kollezzjoni nazzjonali li llum tieħu ħsiebha Heritage Malta. Ftit żmien wara li nstab, dan il-musbieħ spiċċa ġo vetrina fil-mużew tar-Rabat, li dak iż-żmien kien fil-Villa Rumana, illum id-Domus Rumana li hemm barra mis-swar tal-Imdina. Jingħad li dan il-musbieħ ġibed l-attenzjoni tal-Poeta Nazzjonali Dun Karm Psaila (Ritratt 6), meta fl-1920 kiteb waħda mill-aqwa poeżiji tiegħu 'Il-Musbieħ tal-Mużew'.

Din il-poeżija hija fost l-itwal li kiteb Dun Karm u fiha 72 strofa, b'erba' versi kull waħda. Il-poeta jitkellem mal-musbieħ u jirrakonta dak li jaħseb minn x'hiex għadda. Ir-rakkont jeħodna f'mixja matul l-istorja ta' Malta b'referenza ndiretta għall-ħakmiet li għaddiet minnhom. Fl-aħħar, il-poeżija tispiċċa fuq tema reliġjuża u Dun Karm ixebbaħ id-dawl li kien joħroġ mill-musbieħ mad-dija li toħroġ mill-Kelma Mqaddsa.

*Dan il-musbieħ kellu disinn ta' ħuta imbuzzat fiċ-ċentru tiegħu u ringiela ta' ħut iżgħar madwar it-tarf tiegħu*

Irridu ngħidu li dan il-musbieħ meta nstab ma kienx sħiħ għaliex instab mingħajr qiegħ. Illum dan il-musbieħ m'għadux esebit fil-vetrini tal-Mużew tad-Domus Romana u lanqas fil-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija li hemm il-Belt. Madankollu, l-istess musbieħ għadu ikkurat b'mod tajjeb fil-kollezzjoni nazzjonali. Huwa l-pjan tal-għaqda Wirt iż-Żejtun li dan il-musbieħ daqstant importanti li nstab fiż-Żejtun, jiġi esebit għal żmien qasir fostna u waqt l-istess wirja l-pubbliku jkun mistieden mhux biss li japprezza dan l-oġġett storiku iżda flimkien miegħu jkun hemm apprezzament ta' kitbet il-Poeta Nazzjonali Dun Karm Psaila.

Ħajr lil Sharon Sultana - Kuratriċi, Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija, Heritage Malta. ■